MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 774/2011

**PSS Holdings Ltd (C 36359)**

**vs**

**Justine Baldacchino Barthet**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li s-Socjeta' Attrici qed **titlob** minghand il-konvenut is-somma bilancjali ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) in virtu ta' att notarili bejn il-kontendenti, liema somma kellha tithallas sal-21 ta' Marzu 2008. Bl-imghax minn din id-data u bl-ispejjes ta' ittra ufficjali.

**Ra** RISPOSTA hekk:-

Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-art 2148(a) tal-Kodici Civili.

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhux dovut.

**Ra** li b'sentenza tal-4 ta' ottubru 2012 it-TRIBUNAL cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet, spejjes riservati ghad-decizjoni finali.

II PROVI

Is-socjeta' attrici esibiet konvenju – Dok 1 *a* fol 10 bejn il-kontendenti; skrittura privata bejn il-kontendenti – Dok 2 *a fol* 11, u kuntratt notarili in atti tan-Nutar Dr. Patrick Critien – Dok 3, bejn l-istess kontendenti u l-HSBC Bank Malta plc, *a fol* 12 *et seq*.

1. **George Portelli**, ghas-socjeta' attrici esebixxa bhala Dok GP (ara *fol* 30) prospett li juri xi hlas sar, xi hlas intier dovut u x'bilanc fadal. Dan iwassal ghall-ammont bilancjali mitlub. Dana rigwardanti xiri ta' flat.

2. Saret riferenza ghall-iskrittura fejn hemm distinzjoni bejn xoghlijiet fil-flat (*finishes*) u dawk fil-partijiet komuni tal-blokk flats fejn hemm indikata s-somma ta' LM5,000 ghal tal-ewwel u LM1,500 ghal tat-tieni b'LM650 mhallsa bhala depozitu u l-bqija jithallsu fit-tlestija tal-flat prevista ghall-ahhar ta' Awwissu 2008. Ix-xhud qal li baqghu ma thallsux l-Lm1500. Din hi t-TALBA fl-AVVIZ prezenti. Il-kuntratt sar mas-Socjeta' attrici li qabbdet lil Cigelc Ltd.

3. M'ghand il-konvenuta talab hlas ghadd ta' drabi u dejjem kellha xi skuza. Kien avvicinah xihadd jigi minnha u talbu jtihom ic-cans.

4. Ghall-uzu tal-"common parts" hemm xi 16-il flat. Ma hallsitx tal-"common parts" wara li hallset dak dovut ghall-flat ghax il-lift kien ghadu mhux lest izda wara tlesta. Kien baghtilha ittra ufficjali. Spicca jghid li kulhadd hallas barra l-konvenuta.

III KONSIDERAZZJONIJIET

5. Jigi osservat li f'din il-kawza xehed biss George Portelli ghas-Socjeta' Attrici li kien hu wkoll li deher fil-konvenju, skrittura u att notarili. Dan gie kontro-ezaminat u mbaghad fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2014 gie verbalizzat li l-konvenuta tistrieh fuq l-atti tal-kawza.

6. George Portelli ikkonferma b'mod soddisfacenti li dak mitlub mis-Socjeta' Attrici hu verament dovut.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi, wara li gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari b'Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012 izid (1) **jichad** it-tielet eccezzjoni dwar il-mertu (2) **jilqa** t-talba attrici (3) **jikkundanna** lill-konvenuta biex thallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) fi zmien tletin jum mil-lum u jekk il-hlas ma jsirx fl-*intier*

tieghu sa tletin jum mil-lum jibda jiddekorri l-imghax mill-21 ta' Marzu 2008 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lil-konvenuta thallas l-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk tas-sentenza preliminari li kienu baqghu riservati ghas-sentenza finali kif ukoll l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------